

INTERBOVES

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

9 ta' Ottubru 2008*

Fil-Kawża C-277/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ġunju 2006, fil-kawża

Interboves GmbH

vs

Hauptzollamt Hamburg-Jonas,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, A. Ó Caoimh, J. N. Cunha Rodrigues, J. Klučka (Relatur), u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: J. Swedenborg, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Mejju 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Interboves GmbH, minn O. Wenzlaff, Rechtsanwalt,
- għall-Hauptzollamt Hamburg-Jonas, minn S. Plenter, bħala aġent,
- għall-Gvern Belġjan, minn A. Hubert, bħala aġent,
- għall-Gvern Elleniku, minn V. Kontolaimos u S. Papaioannou, bħala aġenti,
- għall-Gvern Żvediż, minn A. Kruse u S. Johannesson, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn F. Erlbacher u J. C. Schieferer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- ¹ It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 48.7(a) u (b) tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE (ĠU L 340, p. 17), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 148, p. 52, iktar 'il quddiem id-Direttiva 91/628).
- ² Din it-talba għet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Interboves GmbH (iktar 'il quddiem "Interboves") u l-Hauptzollamt Hamburg-Jonas (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt"), dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jħallas xi rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni wara li l-imsemmija kumpannija ttrasportat xi annimali tal-ifrat ħajjin lejn l-ex Jugoslavja.

Il-kuntest ġuridiku

3 Skont l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 91/628, din id-Direttiva tapplika għat-trasport tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-annimali tal-ifrat.

4 Skont l-Artikolu 2(2) ta' din id-Direttiva, it-termini li ġejjin għandhom ifissru:

“(b) ‘trasport’, kull ċaqlieq ta’ annimali, effettwat permezz ta’ trasport li jinvolvi t-tagħbija u l-ħatt ta’ l-annimali;

[...]

(g) ‘vjaġġ’, it-trasport mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni;

- (h) ‘perjodu ta’ mistrieħ’, perjodu kontinwu matul il-vjaġġ li matulu l-annimali mhumiex qegħdin jiġu mċaqalqa permezz ta’ mezz ta’ trasport;

[...]”

5 Il-punt 26 (b), (i) sa (iii) tal-Anness tal-imsemmija Direttiva jipprovdi:

“[...]

- i) il-kompartimenti ta’ l-annimali għandhom ikunu mwaħħla sewwa mal-vettura; il-vettura u l-kompartimenti ta’ l-annimali għandhom ikunu mgħammra b’faċilitajiet adegwati ta’ rbit li jkunu jippermettu li jiġu marbuta sew mal-bastiment. Fuq il-gverta mgħottija ta’ bastiment roll-on/roll-off, għandha tinżamm ventilazzjoni suffiċjenti għan-numru ta’ vetturi ttrasportati. Fejn possibbli, vettura għat-trasport ta’ l-annimali għandha titqiegħed viċin dħul ta’ l-arja friska;
- ii) il-kompartiment ta’ l-annimali għandu jkollhom numru suffiċjenti ta’ ventilaturi jew mezzi oħra biex jiġi assigurat li jkun ventilat kif xieraq, waqt li jingħata akkont li l-kurrenti ta’ l-arja huma ristretti fl-ispazju magħluq ta’ l-istiva tal-vapur għall-vetturi. Għandu jkun hemm spazju biżżejjed għewwa l-kompartiment ta’ l-annimali u f’kull wieħed mill-livelli tiegħu biex ikun assigurat li jkun hemm ventilazzjoni biżżejjed fuq l-annimali meta jkun bil-wieqfa fil-pożizzjoni naturali;

iii) għandu jiġi provdut aċċess dirett għal kull parti tal-kompartiment ta' l-annimali sabiex l-annimali jkunu jistgħu, fejn meħtieġ, jiġu kkurati, mitmugħa u mogħtija l-ilma matul il-vjaġġ.”

6 Il-punt 48 tal-Anness tad-Direttiva 91/628, intitolat “Interval ta’ tisqija u ta’ tmigħ, il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta’ mistrieħ”, jipprovdi:

“[...]

2. Il-ħinijiet tal-vjaġġ għall-annimali li jappartjenu għall-ispeċi li għalihom issir referenza [fl-Arikolu] 1 m'għandhomx jeċċedu t-tmien sigħat.

3. Il-ħin ta' vjaġġ massimu fil-punt 2 jista' jiġi estiż meta l-vettura tat-trasport tissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

— ikun hemm saqqijiet biżżejjed fl-art tal-vettura,

— il-vettura tat-trasport iġġorr għalf xieraq għall-ispeċi ta' animal trasportat u għall-ħin tal-vjaġġ,

- hemm aċċess dirett għall-annimali,

- ventilazzjoni adegwata hija possibbli u din tista' tiġi aġġustata skond it-temperatura (ta' ġewwa u ta' barra),

- hemm panewwijiet mobbli biex jinħolqu kompartamenti separati,

- il-vetturi huma armati għal konnessjoni ma' provvista ta' l-ilma meta jkunu wiefqa,

[...]

4. L-intervalli ta' tmigħ u tat-tisqija, il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ meta jintużaw l-vetturi tat-triq li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt 3 huma definiti kif ġej:

[...]

- d) L-annimali l-oħra kollha ta' l-ispeċi li għalihom issir referenza [fl-Artikolu] 1 iridu, wara 14-il siegħa ta' vjaġġ, jingħataw perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa li tkun biżżejjed għalihom b'mod partikolari sabiex jingħataw likwidu u jekk ikun meħtieġ għalf. Wara dan il-perjodu ta' mistrieħ, jistgħu jiġu trasportati għal 14-il siegħa oħra.

[...]

7. a) L-annimali m'għandhomx jiġu trasportati permezz tal-baħar jekk il-ħin tal-vjaġġ massimu jeċċedi dak stabbilit fil-punt 2, sakemm [salv jekk] il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 3 u 4, minbarra l-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodu ta' mistrieħ, jintlaħqu.

- b) Fil-każ ta' trasport bil-baħar b'rabta [fuq rotta] regolari u diretta bejn [...] żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, dawn ta' l-aħħar iridu jingħataw mistrieħ għal 12-il siegħa wara li jinħattu fil-port ta' destinazzjoni jew fil-viċinanza immedjata tagħha sakemm [salv jekk] il-ħin tal-vjaġġ bil-baħar huwa tali li l-vjaġġ jista' jiġi inkluż fl-iskema ġenerali tal-punti 2 sa 4.

[...]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 7 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fit-12 ta' Ġunju 2002, Interboves iddikjarat lill-Hauptzollamt Friedrichshafen l-esportazzjoni ta' 33 animal tal-ifrat ħajjin lejn l-ex-Jugoslavja u talbet, għal dan il-għan, li tingħatalha rifużjoni fuq l-esportazzjoni.
- 8 Il-Hauptzollamt ċaħad din it-talba, permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2003, minħabba li din il-kumpannija ma kinitx osservat il-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628. Fil-fatt, il-Hauptzollamt ikkonstata li, skont il-pjan ta' trasport, l-annimali tal-ifrat ġew ittrasportati matul perijodu ta' trasport ta' 23 siegħa, jiġifieri 14-il siegħa u 30 minuta ta' trasport bil-baħar fuq bastiment roll-on/roll-off bejn Bari (l-Italja) u Igoumenitsa (il-Greċja) kif ukoll 8 sigħat u 30 minuta ta' trasport bit-triq sa Evzoni, post li jinsab mal-fruntiera bejn il-Greċja u l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, mingħajr ma saru arranġamenti għal ebda perijodu ta' mistrieħ.
- 9 Interboves ippreżentat rikors amministrattiv kontra d-deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2003, fejn sostniet, b'mod partikolari, li l-perijodu tat-traġitt bil-baħar ma kellux jiġi kkalkulat mal-ħin tat-trasport skont il-punt 48.7(a) tal-Anness tad-Direttiva 91/628.
- 10 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2005, il-Hauptzollamt ċaħad dan ir-rikors amministrattiv, u enfasizza li l-perijodu tat-traġitt bil-baħar kellu jitqies bħala estensjoni tat-trasport bit-triq. B'hekk, skont il-Hauptzollamt, sabiex jiġi vverifikat jekk iż-żmien totali tat-trasport kienx konformi mal-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628, it-tul ta' żmien tat-trasport bil-baħar kellu jiġi miżjud ma' dak tat-trasport bit-triq li seħħew qabel u wara, li fil-kawża prinċipali, jammontaw għal 32 siegħa u 45 minuta.

11 Fil-21 ta' Lulju 2005, Interboves ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2005, fejn reġgħet sostniet li kienet tikkunsidra li kienet osservat id-dispożizzjonijeit tad-Direttiva 91/628.

12 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Hamburg iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) Il-punt 48.7(a) [...] tal-Anness tad-Direttiva 91/628/KEE jiffissa l-kundizzjonijiet bażiċi għat-trasport [ta' annimali] bil-baħar b'tali mod li, bħala regola — u kemm-il darba jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet tal-punti 48.3 u 48.4 [...] tal-[imsemmi] anness bl-eċċezzjoni taż-żminijiet tal-vjaġġ u l-perijodi ta' mistrieħ — il-perijodi ta' trasport bit-triq qabel u wara t-trasport bil-baħar m'humiex konnessi, anki fil-każ ta' trasport ta' annimali fuq l-hekk imsejħa bastimenti 'roll-on/roll-off'?”

2) Il-punt 48.7(b) [...] tal-Anness tad-Direttiva 91/628 [...] jinkludi dispożizzjoni speċjali dwar l-hekk imsejħa bastimenti 'roll-on/roll-off' li joperaw fil-Komunità li tapplika b'mod kumulattiv mar-rekwiżiti tal-punt 48.4(d) [ta' dan l-anness], b'tali mod li, mal-wasla tal-bastiment fil-port ta' destinazzjoni, huwa biss jekk it-tul ta' żmien tat-trasport bil-baħar kien kontra r-regoli ġenerali tal-punti 48.2 sa 48.4 [...] tal-Anness [tal-imsemmija] Direttiva — jiġifieri perijodu massimu ta' 29 siegħa, [ara] l-punt 48.4(d) — li jibda perijodu massimu ġdid ta' 29 siegħa u li għandu jiġi rrispettat perijodu ta' mistrieħ ta' 12-il siegħa?”

Osservazzjonijiet preliminari

- 13 Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-punt 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628, li jstabbilixxi r-regola magħrufa bħala tal-“14+1+14”. Skont dan il-punt, l-annimali għandhom, wara 14-il siegħa ta’ trasport, jingħataw perijodu biżżejjed ta’ mistrieħ, ta’ mill-inqas siegħa, biex jingħataw jixorbu u, jekk ikun hemm bżonn, jieklu. Wara dan il-perijodu ta’ mistrieħ, it-trasport jista’ jkompli għal perijodu ġdid ta’ 14-il siegħa oħra.
- 14 Fid-dawl tal-kliem użat fit-tieni domanda preliminari, jidher li l-qorti tar-rinviju tinterpreta r-regola stipulata fil-punt 48.4(d) bħala li tawtorizza perijodu ta’ trasport massimu ta’ 29 siegħa.
- 15 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 18 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-punt 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jstabbilixxi perijodu massimu ta’ trasport ta’ 28 siegħa, interrott minn perijodu minimu ta’ mistrieħ ta’ siegħa wara l-ewwel parti ta’ 14-il siegħa.
- 16 Għaldaqstant, ir-regola magħrufa bħala tal-“14+1+14” stipulata fil-punt 48.4(d) għandha tintfieh fis-sens li tawtorizza perijodu massimu ta’ trasport ta’ 28 siegħa, interrott minn perijodu minimu ta’ mistrieħ ta’ siegħa.

Fuq id-domandi preliminari

- 17 Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, fl-ewwel lok, jekk trasport b'bastiment roll-on/roll-off, fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità, kif deskritt fil-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628, jistax jiġi kkunsidrat bħala trasport bil-baħar fis-sens tal-punt 48.7(a) ta' dan l-anness. Fil-każ ta' risposta affermattiva, hija tistaqsi, fit-tieni lok, jekk il-perijodu ta' trasport bit-triq li jiġu qabel u dak li jiġi wara t-trasport fuq bastiment roll-on/roll-off għandhomx ikunu konnessi bejniethom. Fit-tielet lok, hija tistaqsi jekk, wara trasport b'bastiment roll-on/roll-off li jidher li jkun dam iktar minn 14-il siegħa, jiġifieri l-perijodu massimu ta' trasport previst fil-punt 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628, qabel il-perijodu minimu ta' siegħa ta' mistrieħ, l-annimali għandhomx jibbenefikaw minn perijodu ta' mistrieħ ta' 12-il siegħa skont l-imsemmi punt 48.7(b) jew jekk, it-trasport bit-triq jistax iseħħ immedjatament wara l-ħatt, għal perijodu massimu ta' 28 siegħa, interrott minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' siegħa.
- 18 Skont il-qorti tar-rinviju, il-punt 48.7(a) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jiffissa l-kundizzjonijiet bażiċi applikabbli għat-trasport bil-baħar, inkluż it-trasport permezz ta' bastimenti roll-on/roll-off.
- 19 Minn dan jirriżulta, fl-ewwel lok, li d-dispożizzjonijiet relattivi għall-perijodu ta' trasport u għall perijodu ta' mistrieħ ma japplikawx għat-trasport bil-baħar meta l-kundizzjonijiet previsti fil-punt 48.3 sa 48.4 ta' dan l-anness huma sodisfatti. Fit-tieni lok, il-perijodu ta' trasport bit-triq li jiġu qabel u dak li jiġi wara t-trasport bil-baħar mhumiex konnessi. Fit-tielet lok, perijodu massimu ġdid ta' trasport ta' 28 siegħa fis-sens tal-Artikolu 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628, interrot minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' siegħa, jista' jibda immedjatament mal-wasla tal-bastiment roll-on/roll-off fil-port ta' destinazzjoni.

- 20 B'mod preliminari, għandu jiġi mfakkar, minn naħa, li l-punt 48 tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jistabbilixxi r-regoli dwar l-intervalli ta' tisqija u ta' tmigħ, kif ukoll it-tul taż-żmien tal-vjaġġ u l-perijodi ta' mistrieħ tal-annimali, inklużi l-annimali tal-ifrat, elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) ta' din id-Direttiva, matul it-trasport tagħhom, bl-eċċezzjoni tat-trasport bl-ajru.
- 21 Min-naħa l-oħra, it-tul taż-żmien tal-vjaġġ u l-perijodi ta' mistrieħ, fil-każ tat-trasport bil-baħar, huma rregolati mill-punt 48.7(a) u (b) tal-imsemmi anness. Il-punt 48.7(a) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għat-trasport bil-baħar u l-punt 48.7(b) jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom perijodu ta' mistrieħ ta' 12-il siegħa għandu jiġi osservat fil-każ ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Schwaninger, C-207/06, Ġabra p. I-5561, punti 23, 24 u 30).
- 22 Għal dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, il-kwalifika ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità bħala trasport bil-baħar, għandu jiġi rrilevat, kif għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, li jirriżulta kemm mill-kliem tal-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 kif ukoll mill-punt 26 ta' dan l-anness li, minkejja l-karatteristiċi partikolari tiegħu, it-trasport b'bastiment roll-on/roll-off huwa trasport bil-baħar.
- 23 Fil-fatt, minn naħa, il-punt 48.7(b) tal-imsemmi anness jirreferi espressament għal dan il-mezz ta' trasport bħala li jikkostitwixxi mezz ta' trasport bil-baħar. Min-naħa l-oħra, jirriżulta mill-punt 26 ta' dan l-istess anness li meta l-leġiżlatur Komunitarju rregola l-miżuri partikolari li għandhom jittieħdu għall-mezzi tat-trasport tal-annimali, huwa inkluda dan it-tip ta' bastiment fost il-mezzi ta' trasport bil-baħar.

- 24 Peress li t-trasport b'bastiment roll-on/roll-off huwa trasport bil-baħar, jirriżulta li l-punt 48.7(a) u (b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 huwa applikabbli għalih.
- 25 Għal dak li jirrigwarda, imbagħad, il-kwistjoni jekk il-perijodu tat-trasport bit-triq li jiġi qabel u dak li jiġi wara trasport b'bastiment roll-on/roll-off għandhomx ikunu konnessi bejniethom, għandu jiġi rrelevant qabel kollox li l-punt 48 tal-Anness tad-Direttiva 91/628 ma jipprovdi espressament li dan għandu jkun il-każ.
- 26 Madankollu, mill-kliem użat fil-punt 47.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 u mill-għan ta' din id-Direttiva jirriżulta li l-eżistenza ta' konnessjoni bejn dawn il-perijodi ta' trasport bit-triq għandha tiġi evalwata billi jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt jekk ikunx inqabeż jew le l-perijodu massimu ta' 28 siegħa ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off imsemmi fil-punt 48.4(d) ta' dan l-anness.
- 27 Għandu jiġi mfakkar, f'dan ir-rigward, li l-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jiddisponi li perijodu ta' 12-il siegħa ta' mistrieħ għandu jiġi previst għall-annimali wara li jinħattu fil-port ta' destinazzjoni jew fil-viċinanza immedjata tiegħu, salv jekk il-ħin tal-vjaġġ bil-baħar ikun tali li l-vjaġġ jista' jiġi inkluż fl-iskema ġenerali kopert mill-punt 48.2 sa 48.4.
- 28 Billi rrefera għall-iskema ġenerali, jidher li l-leġiżlatur Komunitarju xtaq li r-regola li tistabbilixxi perijodu massimu ta' trasport ta' 28 siegħa msemmija fil-punt 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 tittieħed inkonsiderazzjoni fil-każ ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off bl-eċċezzjoni, madankollu, tal-perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa.

- 29 Fil-fatt, hekk kif speċifika l-Avukat Ġenerali fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-osservanza ta' dan il-perijodu ta' mistrieħ ma tistax tkun iġġustifikata fit-trasport bil-baħar.
- 30 Minn naħa, l-osservanza ta' perijodu ta' mistrieħ bħal dan fil-baħar miftuħ hija kważi impossibbli fil-prattika peress li tippresupponi li l-bastiment jittrakka għall-inqas għal siegħa, wara 14-il siegħa fil-baħar, qabel ma jerġa' jbaħħar għal perijodu ġdid ta' 14-il siegħa.
- 31 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju tat-trasport bit-triq, li jeħtieġ li l-vettura tiegħaf biex l-annimali jkunu jistgħu jieklu, jixorbu u jiġu kkurati, il-karatteristiċi speċifiċi tat-trasport bil-baħar jippermettu li dawn l-affarijiet isiru matul it-trasport, b'mod konformi mal-punt 26 tal-Anness tad-Direttiva 91/628.
- 32 Għaldaqstant, jirriżulta mill-punt 48.7(b) ta' dan l-anness li, meta l-perijodu massimu ta' 28 siegħa ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off jinqabeż, l-annimali bilfors għandhom jingħataw 12-il siegħa ta' mistrieħ qabel ma jkunu jistgħu jerġgħu jiġu ttrasportati għal perijodu massimu ġdid ieħor ta' 28 siegħa, interrott minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' siegħa, skont il-punt 48.4(d) tal-imsemmi anness.
- 33 F'ċirkustanzi bħal dawn, id-diversi perijodi ta' trasport bit-triq m'għandhomx jiżdedu mal-kalkolu billi l-perijodu ta' mistrieħ ta' 12-il siegħa għandu neċessarjament bħala konsegwenza li jinnewtralizza l-perijodi ta' trasport li jseħħu qabel dan il-mistrieħ. It-12-il siegħa previsti minn din id-dispożizzjoni għandhom l-istess funzjoni li jinnewtralizzaw il-perijodi ta' trasport li jkunu seħħew qabel dan il-mistrieħ bħall-perijodu ta' 24 siegħa stipulat fil-punt 48.5 tal-Anness tad-Direttiva 91/628 applikabbli għat-trasport bit-triq.

- 34 Min-naħa l-oħra, meta l-perijodu ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off jippermetti li l-vjaġġ jiġi inkluż fl-iskema ġenerali kopert mill-punti 48.2 sa 48.4 tal-Anness tad-Direttiva 91/628, b'mod partikolari jekk ma jaqbiżx il-perijodu massimu ta' 28 siegħa ta' trasport, u meta, konsegwentement, il-perijodu ta' mistrieħ ta' 12-il siegħa ma jkunx neċessarju, perijodu ta' trasport bit-triq ikun jista' jibda immedjatament wara l-wasla tal-bastiment fil-port ta' destinazzjoni.
- 35 Mandankollu, f'każ bħal dan, biex jiġi ddeterminat il-perijodu ta' dan it-trasport il-ġdid bit-triq, għandu jittieħed inkonsiderazzjoni l-perijodu tat-trasport bit-triq li jkun ippreċeda t-trasport bil-bastiment roll-on/roll-off, sakemm l-annimali ma jkunux strieħu għal 24 siegħa qabel ma jkunu tgħabbew fuq dan il-bastiment. Fil-fatt, jekk dan ikun il-każ, ir-rabta bejn il-perijodi ta' trasport bit-triq ma tkunx iġġustifikata peress li l-mistrieħ ta' 24 siegħa għandu bħala konsegwenza li jinnewtralizza l-perijodu ta' trasport bit-triq preċedenti għal dak tat-trasport b'bastiment roll-on/roll-off.
- 36 B'hekk, jekk il-perijodu ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off ikun ta' inqas minn 28 siegħa u l-perijodu tat-trasport bit-triq li jkun ippreċedieh ma jkunx ġie nnewtralizzat minn mistrieħ ta' 24 siegħa skont il-punt 48.5 tal-Anness tad-Direttiva 91/628, il-perijodi ta' trasport bit-triq li jkunu ġew qabel u dawk li jkunu ġew wara t-trasport b'bastiment roll-on/roll-off, għandhom jingħaddu miegħu.
- 37 Min-naħa l-oħra, jekk il-perijodu tat-trasport b'bastiment roll-on/roll-off ikun ta' inqas minn 28 siegħa u l-perijodu preċedenti tat-trasport bit-triq ikun ġie nnewtralizzat minn mistrieħ ta' 24 siegħa, perijodu ġdid ta' trasport bit-triq għal ħin massimu ta' 28 siegħa, interrott minn perijodu perijodu minimu ta' mistrieħ ta' siegħa, jista' jibda immedjatament wara li jinħattu l-annimali mingħajr ma jittieħed inkonsiderazzjoni l-perijodu tat-trasport bit-triq li jkun ippreċeda t-trasport b'bastiment roll-on/roll-off.

- 38 Kwalunkwe interpretazzjoni oħra tal-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 tkun tfisser li jkun qed jiġi aċċettat li, wara trasport b'bastiment roll-on/roll-off ta' inqas minn 28 siegħa, perijodu massimu ġdid ta' 28 siegħa ta' trasport bit-triq, interrott minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' siegħa, ikun jista' jibda mingħajr ma jittieħed inkonsiderazzjoni l-perijodu ta' trasport bit-triq li jkun ippreċeda t-trasport b'bastiment roll-on/roll-off. Dan irendi possibbli li jseħħu wara xulxin diversi trasporti b'mezzi ta' trasport differenti mingħajr ma jkun għadda perijodu ta' mistrieħ ta' 12 jew ta' 24 siegħa.
- 39 Interpretazzjoni bħal din tal-imsemmi punt 48.7(b) tmur direttament kontra l-għan ewlieni tad-Direttiva 91/628, jiġifieri l-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, Viamex Agrar Handel u ZVK, C-37/06 u C-58/06, Ġabra p. I-69, punt 29), u l-għan ta' din id-Direttiva kif jirriżulta b'mod partikolari mit-tmien premessa tiegħu, li tistipula li, għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali, it-trasport tal-annimali tul distanzi twal, inklużi annimali għall-qatla, għandu jitnaqqas kemm jista' jkun possibbli.
- 40 Fl-aħħar nett, għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni jekk, wara trasport b'bastiment roll-on/roll-off li jidher li jkun dam iktar minn 14-il siegħa, l-annimali għandhomx jingħataw mistrieħ ta' 12-il siegħa skont il-punt 48.7(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jew jekk jistax isir trasport bit-triq immedjatament wara li l-annimali jinħattu, għal perijodu massimu ta' 28 siegħa, interrott minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' siegħa, biżżejjed jiġi rrilevat, hekk kif jirriżulta mill-punt 34 ta' din is-sentenza, li, meta t-tul ta' żmien tat-trasport b'bastiment roll-on/roll-off ma jaqbiżx il-perijodu massimu ta' 28 siegħa ta' trasport u, konsegwentement, il-perijodu ta' mistrieħ ta' 12-il siegħa ma jkunx neċessarju, perijodu ta' trasport bit-triq jista' jibda immedjatament wara l-wasla tal-bastiment fil-port ta' destinazzjoni u għandu jiġi kkalkolat skont il-metodu indikat fil-punt 36 ta' din is-sentenza.

- 41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata lill-ewwel u t-tieni domandi hija li:
- Il-punt 48.7(a) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 għandu jiġi interpretat fis-sens li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għat-trasport bil-baħar, inkluż it-trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità Ewropea permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, bl-eċċezzjoni, għal dak li jirrigwarda dan it-tip ta' bastimenti, tal-perijodi ta' mistrieħ mogħtija lill-annimali wara li jkun nħattu, li huma previsti fil-punt 48.7(b) tal-imsemmi anness.
 - B'mod konformi mad-dispożizzjoni msemmija l-aħħar, l-eżistenza ta' konnessjoni bejn il-perijodu ta' trasport bit-triq li jiġi qabel u dak li jiġi wara perijodu ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali tiddependi minn jekk ikunx inqabeż jew le l-perijodu massimu ta' 28 siegħa ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off previst fil-punt 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628.
 - Meta t-tul ta' żmien tat-trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali ma jilħaqx il-perijodu massimu ta' 28 siegħa, perijodu ta' trasport bit-triq jista' jibda immedjatement wara li jinħattu l-annimali fil-port tad-destinazzjoni. Sabiex jiġi kkalkolat it-tul ta' żmien ta' dan il-perijodu, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tul ta' żmien tal-perijodu tat-trasport bit-triq li jkun seħħ qabel it-trasport b'bastiment roll-on/roll-off, ħlief jekk perijodu ta' mistrieħ ta' mhux inqas minn 24 siegħa, b'mod konformi mal-punt 48.5 tal-Anness tad-Direttiva 91/628, ikun innewtralizza l-perijodu ta' trasport bit-triq li jkun seħħ qabel it-trasport bil-baħar. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fil-kawża prinċipali, il-vjaġġ inkwistjoni ssodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Fuq l-ispejjeż

- 42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qort tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- **Il-punt 48.7(a) tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995, għandu jiġi interpretat fis-sens li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għat-trasport bil-baħar, inkluż it-trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità Ewropea permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, bl-eċċezzjoni, għal dak li jirrigwarda dan it-tip ta' bastiment, tal-perijodi ta' mistrieħ mogħtija lill-annimali wara li jkunu nħattu, li huma previsti fil-punt 48.7(b) tal-imsemmi anness.**
- **B'mod konformi mad-dispożizzjoni msemmija l-aħħar, l-eżistenza ta' konnessjoni bejn il-perijodu ta' trasport bit-triq li jiġi qabel u dak li jiġi wara perijodu ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità Ewropea permezz ta' vetturi**

mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali tiddependi minn jekk ikunx inqabeż jew le l-perijodu massimu ta' 28 siegħa ta' trasport b'bastiment roll-on/roll-off previst fil-punt 48.4(d) tal-Anness tad-Direttiva 91/628.

- **Meta t-tul ta' żmien tat-trasport b'bastiment roll-on/roll-off fuq rotta regolari u diretta bejn żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali ma jilħaqx il-perijodu massimu ta' 28 siegħa, perijodu ta' trasport bit-triq jista' jibda immedjatement wara li jinħattu l-annimali fil-port tad-destinazzjoni. Sabiex jiġi kkalkolat it-tul ta' żmien ta' dan il-perijodu, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tul ta' żmien tal-perijodu tat-trasport bit-triq li jkun seħħ qabel it-trasport b'bastiment roll-on/roll-off, ħlief jekk perijodu ta' mistrieħ ta' mhux inqas minn 24 siegħa, b'mod konformi mal-punt 48.5 tal-Anness tad-Direttiva 91/628, ikun innewtralizza l-perijodu ta' trasport bit-triq li jkun seħħ qabel it-trasport bil-baħar. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fil-kawża prinċipali, il-vjaġġ inkwistjoni ssodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.**

Firem